MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 181/2001/1

***Vodafone Malta Limited***

***Vs***

***Mohamed Hafed***

Illum 29 ta' Jannar, 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ipremettiet illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf hamsa u disghin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (LM 1,095.54) rapprezentanti "Vodafone Rental" mghoti lill-konvenut mis-socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A.

Ippremettiet illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa inadempjenti;

Ippremettiet illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh.
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hamsa u disghin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (LM 1,095.54) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Gunju 2000 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici Vodafone Malta Limited u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut Mohamed Hafed debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Semghet ix-xhieda ta' Sharon Calleja prodotta mis-socjeta' attrici;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Moqrija

--------------------------------TMIEM--------------------------------